# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 48

Data tal-laqgħa: 7 ta' Lulju, 2026

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar It-Tlieta 7 ta' Lulju 2026, fil-5.30p.m..*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Francesca Attard |
| Viċi Sindku | Christopher Fenech |
| Kunsillieri | Manuel Camilleri<br>Helen Gauci<br>Marilena Galea |
| Segretarju Eżekuttiv | Shirley Falzon |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm billi ntqalet it-talba.

**48/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

48/01/01 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera preżenti li dan il-Kunsill ma kien irċieva l-ebda ittra ta' apoloġija.

**48/02 Ħatriet**

48/02/01 Is-Segretarju Eżekuttiv bdiet dan il-punt tal-aġenda billi staqsiet jekk kienx hemm xi membru tal-Kunsill li xtaq jipproponi kandidat għall-kariga ta' Sindku.

48/02/02 Il-Kunsilliera, is-Sa Helen Gauci, osservat li l-proċedura proposta ma kinitx qed issegwi dak stabbilit fil-liġi u talbet sabiex tiġi ċċarata l-proċedura legali qabel jitkompla dan il-punt tal-aġenda.

48/02/03 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-proċedura kienet qed tiġi segwita skont il-liġi, kif indikat mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

48/02/04 Il-Kunsilliera, is-Sa Helen Gauci, osservat li l-proċedura ma kellhiex tibda billi jiġi propost kandidat għall-kariga ta' Sindku u esprimiet dubju dwar l-interpretazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet legali.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt


48/02/05 Sabiex tiġi ċċarata l-proċedura u jiġi żgurat li l-proċess jimxi skont il-liġi, is-Segretarju Eżekuttiv ikkuntattjat lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex tinkiseb konferma dwar il-proċedura korretta li kellha tiġi segwita.

48/02/06 Id-diskussjoni ffukat fuq il-proċedura legali li kellha tiġi segwita wara l-vakanza fil-kariga tas-Sindku. Il-membri ddiskutew l-interpretazzjoni tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali u l-gwida mogħtija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali (DLG). Ġew espressi fehmiet differenti dwar jekk il-kariga kellhiex tiġi offruta lill-kandidat li jmiss tal-istess partit jew jekk kellhiex issir votazzjoni bejn il-kunsillieri.

48/02/07 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kienet qed timxi skont il-gwida li rċeviet mid-DLG u li ma setgħetx tiddevja minn dawn l-istruzzjonijiet.

48/02/08 Is-Sa Marilena Galea u s-Sa Helen Gauci talbu li l-laqgħa tiġi posposta sabiex tinkiseb aktar ċarezza legali dwar il-proċedura li kellha tiġi segwita. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li, peress li l-proċedura kienet qed issir skont il-gwida mogħtija mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, il-laqgħa setgħet tkompli kif ippjanat.

48/02/09 Wara aktar diskussjoni, Is-Segretarju Eżekuttiv offriet il-kariga ta' Sindku lis-Sur Christopher Fenech, li ddikjara li ma aċċettax il-kariga. Sussegwentement, il-kariga ġiet offruta lis-Sur Manuel Camilleri, li wkoll irrifjuta li jaċċettaha. Fid-dawl ta' dan, Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet bil-proċeduri sussegwenti skont il-gwida mogħtija mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

48/02/10 Is-Segretarju Eżekuttiv stiednet lill-membri sabiex jipproponu kandidati għall-kariga ta' Sindku. Is-Sur Christopher Fenech ippropona lis-Sa Francesca Attard għall-kariga ta' Sindku, filwaqt li s-Sur Manuel Camilleri ssekonda l-proposta. Is-Sa Marilena Galea pproponiet lis-Sa Helen Gauci għall-istess kariga; madankollu, il-proposta ma ġietx issekondata.

48/02/11 Sussegwentement saret votazzjoni. Is-Sa Francesca Attard kisbet tliet (3) Is-Sa Helen Gauci u s-Sa Marilena Galea vvutaw kontra. B'hekk, is-Sa Francesca Attard ġiet iddikjarata eletta fil-kariga ta' Sindku.

48/02/12 Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet sabiex tistaqsi jekk kienx hemm xi nominazzjonijiet għall-kariga ta' Viċi Sindku. Is-Sur Manuel Camilleri ppropona lis-Sur Christopher Fenech għall-kariga ta' Viċi Sindku, u l-proposta ġiet issekondata mis-Sa Francesca Attard. Sussegwentement saret votazzjoni. Is-Sa Francesca Attard u s-Sur Manuel Camilleri vvutaw favur il-proposta, filwaqt li s-Sur Christopher Fenech aċċetta n-nomina. Is-Sa Marilena Galea u s-Sa Helen Gauci vvutaw kontra. B'hekk, is-Sur Christopher Fenech ġie ddikjarat elett fil-kariga ta' Viċi Sindku.

48/02/13 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li, wara li tlestiet il-proċedura tal-elezzjoni tas-Sindku u tal-Viċi Sindku, kien imiss li jingħataw il-ġuramenti tal-ħatra. Għal dan il-għan, ġew mitfija l-mikrofoni u daħlet il-Kummissarju sabiex tamministra l-ġuramenti lis-Sindku u lill-Viċi Sindku eletti.

48/02/14 Wara li tlestew il-proċeduri relatati mal-ħatra tas-Sindku u tal-Viċi Sindku, is-Sa Helen Gauci u s-Sa Marilena Galea telqu mil-laqgħa, u l-laqgħa kompliet bil-membri preżenti.

**48/03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

48/03/01 is-Sindku, is-Sa Francesca Attard, ressqet għall-approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 47.

48/03/02 Peress li ma tqajmu l-ebda oġġezzjonijiet, il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 47 ittieħdu bħala moqrija. Is-Sur Christopher Fenech ippropona l-approvazzjoni tal-minuti u s-Sa Francesca Attard issekondata l-proposta. Il-Minuti ġew approvati unanimament mill-membri preżenti.

**48/04 Punti mill-minuti preċedenti:**

48/04/01 Is-Sa Francesca Attard għamlet referenza għal proposta li waslet mingħand Clinical Wellness Malta sabiex jiġu organizzati taħditiet u workshops mingħajr ħlas relatati mas-saħħa mentali u fiżika fil-komunità. Hija spjegat li s-sessjonijiet jistgħu jiġu adattati skont il-ħtiġijiet tal-lokalità u jkunu mmexxija minn professjonisti kwalifikati mingħajr ebda spiża għall-Kunsill Lokali. Ġie spjegat ukoll li s-suġġetti proposti jinkludu, fost l-oħrajn, it-tixjiħ b'saħħtu, il-ġestjoni tal-istress, il-bidliet fl-istil ta' ħajja u l-ansjetà relatata mas-saħħa.

48/04/02 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel fil-prinċipju li jiġu organizzati żewġ sessjonijiet. Ġie maqbul li waħda mis-sessjonijiet tkun immirata lejn l-anzjani u tiffoka fuq is-suġġett *Healthy Ageing and Living Well with Chronic Conditions*, u tinżamm filgħodu. It-tieni sessjoni tkun miftuħa għall-pubbliku ġenerali u tiffoka fuq is-suġġett *Health Anxiety, Medical Fear and Coping with Diagnosis*, u tinżamm filgħaxija, preferibbilment nhar ta' Ġimgħa jew is-Sibt.

48/04/03 Is-Sa Francesca Attard fakkret lill-membri li kienu ġew irrappurtati problemi bil-linji tat-telefon tal-Kunsill, b'mod partikolari bil-linja 21, li ma kinitx qed taħdem, u bil-linja 27, li kienet qed topera b'mod instabbli. Hija infurmat lill-Kunsill li, wara l-intervent tekniku minn GO, il-problemi ġew solvuti u s-servizz tat-telefon issa ġie stabbilizzat u qed jopera b'mod normali.

48/04/04 Is-Sindku kompliet tagħti aġġornament dwar il-proposta li s-sistema tat-telefonija tal-Kunsill tiġi migrata għas-sistema Microsoft Teams minflok is-sistema eżistenti. Hija infurmat lill-Kunsill li l-proċess għadu pendenti, peress li l-Kunsill għadu qed jistenna r-risposta u l-approvazzjonijiet meħtieġa mill-MITA sabiex ikun jista' jimxi 'l quddiem bl-implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida.

48/04/05 Is-Sindku fakkret lill-membri fil-proposta li kienet waslet mingħand l-Animal Welfare Directorate sabiex fil-lokalità jiġu organizzati sessjonijiet ta' taħriġ dwar l-ewwel għajnuna għall-annimali. Hija infurmat lill-Kunsill li, wara l-qbil fil-prinċipju li kien ingħata, intbagħtet email lid-Direttorat sabiex il-Kunsill Lokali juri l-interess tiegħu f'din l-inizjattiva u jibdew jiġu esplorati l-arranġamenti meħtieġa għall-organizzazzjoni tas-sessjonijiet.

48/04/06 Is-Sindku għamlet aġġornament dwar it-talba sabiex tiġi allokata parking bay riservata għall-vettura tal-Pulizija f'żona koperta mis-CCTV cameras tal-Kunsill. Hija infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni ġiet sottomessa lil Transport Malta u li, sussegwentement, intbagħtet ukoll emejl ta' tfakkira sabiex jiġi segwit il-progress tat-talba.

48/04/07 Is-Sindku għamlet aġġornament dwar il-proġett tal-istudju urban li qed jitwettaq b'kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta, Fakultà tal-Building Environment. Hija infurmat lill-Kunsill li ntbagħtet email lill-Kap tal-Iskola, sabiex jiġu kkoordinati l-arranġamenti relatati mal-attività. Ġie kkonfermat li l-iskola ser tintuża għall-panel discussion li ser issir fil-15 ta' Lulju 2026, filwaqt li l-binja tal-Kunsill Lokali ser tospita l-wirja u l-preżentazzjoni tal-proġett bejn il-15 u s-17 ta' Lulju 2026.

48/04/08 Is-Sindku għamlet aġġornament dwar il-proċess ta' verifika tal-markings u l-parking bays fil-lokalità. Hija infurmat lill-Kunsill li ntbagħtet email lil Transport Malta u lis-Sur B. Grima sabiex tiġi stabbilita kollaborazzjoni għall-verifika u r-regolarizzazzjoni tal-markings skont il-pjani

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


approvati uffiċjalment. Ġie rrappurtat li s-Sur B. Grima wieġeb għall-korrispondenza u talab sabiex il-Kunsill jikkoordina l-proċess mal-Contracts Manager ta' Transport Malta sabiex il-ħidma tkun tista' tkompli.

48/04/09 Is-Sindku ressqet għall-kunsiderazzjoni proposta sabiex il-membri tal-istaff amministrattiv jingħataw uniformi uffiċjali. Ġie rrappurtat li ntbagħtet sejħa għal kwotazzjonijiet lil Yorkie, Bortex u Garmmo għall-provvista tal-uniformijiet, inkluż il-prezz għall-irrakkmar jew l-istampar tal-logo tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u spjegat il-kwotazzjonijiet riċevuti kif ukoll il-mudell tal-uniformi rakkomandat. Hija infurmat ukoll lill-Kunsill li l-membri tal-istaff esprimew il-preferenza tagħhom li l-uniformijiet ma jkunux jinkludu l-logo tal-Kunsill, apparti li dan kien jinvolvi spiża addizzjonali. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv irrimarkaw ukoll li din il-proposta kienet diġà ġiet diskussa fil-Kumitat Finanzjarju u kienet ġiet approvata mill-accountants. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jipproċedi bl-akkwist tal-uniformijiet skont il-mudell magħżul u mingħajr il-logo tal-Kunsill.

48/04/10 Is-Sindku għamlet referenza għall-proposta tal-Kunsill tat-Tfal sabiex parti minn Triq Għaxqet il-Għajn, min-naħa ta' Triq il-Ġnien mill-kantuniera sal-aħħar villa, tingħalaq għat-traffiku sabiex tintuża għal attivitajiet komunitarji u rikreattivi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li kienet bagħtet email lill-Kunsilliera sabiex iressqu l-kummenti u l-fehmiet tagħhom dwar il-proposta qabel ma tintbagħat it-tweġiba lil Transport Malta. Madankollu, sal-iskadenza stabbilita ma waslet l-ebda risposta jew kumment mingħand il-Kunsilliera.

48/04/11 Wara diskussjoni, ġie maqbul li tintbagħat proposta lill-Perit Conti sabiex parti minn Triq Għaxqet il-Għajn, min-naħa ta' Triq il-Ġnien millaħħar villa il-gewwa, tingħalaq permezz ta' barriers u jiġu installati sinjali li jindikaw l-għeluq tat-triq fl-aħħar Ħadd ta' kull xahar, bejn il-5:00 p.m. u s-7:00 p.m. matul ix-xhur tas-sajf u bejn is-1:00 p.m. u s-3:00 p.m. matul ix-xhur tax-xitwa.

-
48/04/12 Is-Sindku tat aġġornament dwar il-proposta sabiex jinħoloq bieb ta' ħruġ ta' emerġenza fuq in-naħa ta' wara tal-iskola, li jagħti għal Ġnien il-Paċi. Hija spjegat li din il-miżura qed tiġi proposta sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-istudenti u tal-persunal tal-iskola billi jkun hemm aċċess u ħruġ alternattiv f'każ ta' emerġenza. Ġie spjegat ukoll li l-Kunsill Lokali ser jikkoordina l-arranġamenti meħtieġa mal-Perit u mal-partijiet involuti sabiex il-proġett ikun jista' jitwettaq. Ġie kkonfermat li l-ispiża relatata max-xogħlijiet ser tkun koperta mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

48/04/13 Is-Sindku tat aġġornament dwar ix-xogħlijiet infrastrutturali li qed isiru fil-lokalità. Hija infurmat lill-Kunsill li l-ewwel fażi tax-xogħlijiet fi Triq Caravaggio hija lesta u li t-tieni fażi ser tibda fi Triq San Ġwann, fiż-żona bejn l-istationery u d-Dar tal-Anzjani. Ġie spjegat li, matul din il-fażi, Triq San Ġwann ser topera b'korsija waħda (one lane). Madankollu, il-pjanta tat-traffiku għadha pendenti għall-approvazzjoni minn Transport Malta. Ġie maqbul li, hekk kif tingħata l-approvazzjoni, il-pjanta tiġi ċċirkolata lill-membri tal-Kunsill u lill-pubbliku.

48/04/14 Is-Sindku infurmat ukoll lill-Kunsill li għadha qed tiġi mistennija stqarrija għall-istampa minn Enemalta dwar il-proġett. Hija spjegat li, hekk kif din tinħareġ, il-Kunsill Lokali ser jaqsam l-informazzjoni mar-residenti permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni tiegħu. Ġie rrappurtat ukoll li l-proposta għas-servizz ta' shuttle bus għadha pendenti għall-approvazzjoni minn Transport Malta. Barra minn hekk, Is-Sindku spjegat li t-tielet fażi tax-xogħlijiet hija prevista li tibda wara l-festa tal-lokalità.

48/04/15 Is-Sindku tat aġġornament dwar il-proġett fi Triq Għaxqet il-Għajn. Hija infurmat lill-Kunsill li x-xogħlijiet bdew u li ż-żona fejn ser jitwettaq il-proġett ingħalqet sabiex ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jitwettqu b'mod sigur u effiċjenti.

48/04/16 Is-Sindku għamlet referenza għall-Development Planning Funds u għal diversi skemi ta' finanzjament li jistgħu jintużaw sabiex jitwettqu progetti. Hija infurmat lill-Kunsill li ntbagħtet email lill-membri bil-minuti tal-laqgħa rilevanti kif ukoll iċ-ċirkolari maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar, li tispjega l-proċeduri u l-linji gwida relatati ma' dawn l-iskemi ta' finanzjament, sabiex il-membri jkunu infurmati u jkunu jistgħu jikkunsidraw opportunitajiet futuri.

48/04/17 Is-Sindku għamlet referenza għall-proġett ta' restawr u riġenerazzjoni tas-Semaphore Tower. Hija fakkret li l-BOQ relatat mal-proġett kien ġie ċċirkolat lill-membri sabiex jiġi kkunsidrat il-proġett propost, bil-għan li tingħata ħajja ġdida lil dan is-sit storiku. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li bħalissa hemm skema ta' finanzjament speċifika għas-Semaphore Tower li għaliha jista' japplika l-Kunsill Lokali. Hija żiedet tgħid li, f'każ li l-finanzjament disponibbli taħt din l-iskema ma jkunx biżżejjed, il-Kunsill jista' wkoll japplika għal fondi addizzjonali taħt il-Development Planning Fund. Ġie spjegat li, sabiex tkun tista' titressaq l-applikazzjoni għall-iskema, huwa meħtieġ li l-Kunsill japprova u jiffirma riżoluzzjoni formali. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jipproċedi bl-applikazzjoni u bl-iffirmar tar-riżoluzzjoni meħtieġa, kif ukoll sabiex jitressaq il-permess meħtieġ lill-Awtorità tal-Ippjanar.

48/04/18 Is-Sindku rreferiet għal każ imqajjem mis-Sa Helen Gauci f'isem resident fi Triq Stiefnu Zerafa relatat mad-diffikultà biex joħroġ mill-garaxx tiegħu minħabba l-konfigurazzjoni tal-parkeġġ fit-triq. Hija infurmat lill-Kunsill li saret żjara fuq il-post sabiex il-każ jiġi evalwat mill-ġdid. Wara l-ispezzjoni, ġie ssuġġerit li l-ispazju tal-parkeġġ ikkonċernat jitnaqqas ftit fid-daqs tiegħu sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-garaxx. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li din il-proposta tintbagħat lil Transport Malta għall-kunsiderazzjoni tagħha. Ġie maqbul ukoll li, waqt l-istess eżerċizzju, Transport Malta tintalab tivverifika l-markings u d-daqs tal-parking bays tul Triq Stiefnu Zerafa.

48/04/19 Is-Sindku kompliet billi qrat ir-riżoluzzjoni relatata mal-applikazzjoni għall-iskema **SPI/SCI/05/2026** dwar il-proġett ta' restawr tas-Semaphore Tower. Is-Sur Christopher Fenech ippropona r-riżoluzzjoni, filwaqt li s-Sur Manuel Camilleri ssekondaha. Wara diskussjoni, ir-riżoluzzjoni ġiet approvata mill-membri preżenti.

**48/05 Tweġibiet għall-Mistqosijiet tal-Kunsilliera**

48/05/01 Is-Sa Francesca Attard tat aġġornament dwar il-proposta sabiex parti minn Triq Mons. Luigi Catania tingħata l-isem ta' Guido Tanti. Hija infurmat lill-Kunsill li, wara li r-residenti affettwati ġew ikkonsultati dwar il-proposta, tqajmu oġġezzjonijiet u ma nkisibx l-appoġġ meħtieġ. Fid-dawl ta' dan, il-proposta ma ġietx approvata u ma tkomplietx.

48/05/02 Is-Sa Francesca Attard tat aġġornament dwar it-talba għall-installazzjoni ta' sleeping policeman fi Triq Mons. Luigi Catania. Hija infurmat lill-Kunsill li, wara li r-residenti affettwati ġew infurmati u kkonsultati dwar il-proposta, tqajmu diversi oġġezzjonijiet. Fid-dawl ta' dan, il-proposta ma ġietx approvata u ma tkomplietx.

48/05/03 Is-Sa Francesca Attard tat aġġornament dwar it-talba mressqa minn resident fi Triq San Nikola sabiex jiġu installati bollards jew jittieħdu miżuri oħra biex jiġi evitat il-parkeġġ quddiem l-aċċess għar-residenza tiegħu. Hija infurmat lill-Kunsill li, wara li t-talba ġiet riferuta lil Transport Malta, din issuġġeriet li tiġi kkunsidrata l-kostruzzjoni ta' bankina bħala soluzzjoni alternattiva. Ġie nnutat li din il-proposta hija konformi mat-talba oriġinali tar-resident. Wara diskussjoni, il-

Kunsill qabel li jkompli jsegwi l-kwistjoni ma' Transport Malta sabiex tiġi evalwata l-implimentazzjoni tal-bankina proposta.

**48/06 Komunikazzjoni mis-Sindku**

48/06/01 Is-Sindku għamlet referenza għad-dekasteri li kienu ġew iċċirkolati lill-membri tal-Kunsill għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Hija infurmat lill-Kunsill li ser iżżomm id-dekasteri li qabel kienu taħt ir-responsabbiltà tas-Sindku preċedenti, is-Sa Mariah Meli. Barra minn hekk, id-dekasteri li qabel kienu taħt ir-responsabbiltà tagħha ser jgħaddu taħt ir-responsabbiltà tas-Sur Manuel Camilleri. Ġie maqbul li d-dekasteri l-oħra jibqgħu kif inhuma.

48/06/02 Is-Sindku tat aġġornament dwar is-sitwazzjoni relatata mal-bus stop fi Triq San Bartholomew. Hija infurmat lill-Kunsill li ntbagħtet komunikazzjoni lil Transport Malta fejn tqajjem tħassib dwar il-fatt li, minkejja li nħoloq bus bay, il-karozzi tal-linja qed jistennew fin-nofs tat-triq minflok fil-bus bay, u dan qed joħloq inkonvenjenzi u riskji għat-traffiku. Fil-komunikazzjoni ntalbet ukoll il-fehma ta' Transport Malta dwar il-proposta li l-bus stop jiġi kkonvertit f'bus bay, kif ukoll intalab aġġornament dwar il-proposta sabiex il-karozzi tal-linja jistennew fil-bus stop tan-Naxxar, wara r-roundabout ta' Wellbee's, sabiex jiġi evitat li żewġ karozzi tal-linja jieqfu fl-istess ħin fil-lokalità. Ġie rrappurtat li Transport Malta wieġbet li s-sitwazzjoni qed tiġi evalwata u li ngħataw istruzzjonijiet lill-operatur sabiex jieħu azzjoni immedjata.

48/06/03 Is-Sindku ressqet għall-kunsiderazzjoni proposta sabiex l-allowance tad-diesel allokata fuq il-fuel card tal-vettura tal-Kunsill tiżdied minn €100 għal €150 fix-xahar. Hija spjegat li din iż-żieda hija meħtieġa minħabba l-użu akbar tal-vettura għas-servizzi tal-Kunsill kif ukoll minħabba ż-żieda fil-konsum tal-fjuwil waqt l-użu tal-arja kkundizzjonata matul ix-xhur tas-sajf. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv irrimarkaw li din il-proposta kienet diġà ġiet diskussa u approvata mill-Kumitat Finanzjarju. Ġie spjegat ukoll li, bħala prattika ta' governanza tajba, kull spiża li tkun ser issir mill-Kunsill qed tiġi riferuta lill-Kumitat Finanzjarju sabiex tinkiseb l-approvazzjoni tiegħu qabel ma titwettaq. Wara diskussjoni, il-Kunsill approva ż-żieda tal-allowance għal €150 fix-xahar.

48/06/04 Is-Sindku għamlet referenza għall-proġett Focus Europe u infurmat lill-Kunsill li l-organizzatriċi, is-Sa Ivana, talbet konferma dwar id-dati meta r-residenti ta' Ħal Għargħur jistgħu jżuru Tratalias bħala parti mill-programm ta' skambju. Ġew proposti d-dati mis-Sibt 24 sat-Tnejn 26 ta' April 2027. Wara diskussjoni, il-Kunsill approva d-dati proposti sabiex jiġu kkomunikati lill-organizzaturi.

48/06/05 Is-Sindku ressqet għall-kunsiderazzjoni proposta sabiex l-attività *Read with Me* tiġi rilokata fil-Librerija Pubblika ta' Ħal Għargħur. Wara diskussjoni, il-membri qablu mal-proposta u ġie deċiż li l-attività tibda ssir fil-Librerija. Ġie maqbul ukoll li din id-deċiżjoni tiġi kkomunikata kemm lill-organizzaturi tal-*Read with Me* kif ukoll lill-amministrazzjoni tal-Librerija sabiex isiru l-arranġamenti meħtieġa. Barra minn hekk, ġie deċiż li jsir il-manutenzjoni meħtieġa fil-Librerija u fi Ġnien il-Paċi sabiex dawn il-faċilitajiet ikunu f'kundizzjoni tajba għall-użu mill-komunità.

48/06/06 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Contracts Manager beda fil-kariga tiegħu fl-1 ta' Lulju 2026 u diġà beda jwettaq id-dmirijiet relatati mal-proġetti u l-kuntratti tal-Kunsill.

48/06/07 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali rċieva komunikazzjoni mingħand Honest Pharmacy f'Ħal Għargħur fejn ġie nnotifikat li, fil-jiem li ġejjin, ser jiġi installat Automated External Defibrillator (AED) fuq il-faċċata tal-ispiżerija sabiex ikun aċċessibbli għall-pubbliku u jservi ta' benefiċċju għall-komunità. Hija infurmat ukoll lill-membri li l-email relatata ma' din l-

inizjattiva ġiet iċċirkolata lill-Kunsilliera għall-informazzjoni tagħhom. Il-Kunsill ħa nota ta' dan l-aġġornament.

48/06/08 Is-Sindku ressqet proposta sabiex, matul l-attività ta' Jum il-Għargħur, tittella' mejda bil-kotba tal-awtur Frans Pace kif ukoll b'kotba oħra li l-Kunsill jista' jkollu disponibbli għall-bejgħ. Wara diskussjoni, ġie maqbul li d-dħul kollu mill-bejgħ tal-kotba jingħata b'donazzjoni lill-fondazzjoni Puttinu Cares. Il-Kunsill approva l-proposta u qabel li jsiru l-arranġamenti meħtieġa għall-organizzazzjoni tal-inizjattiva.

48/06/09 Is-Sindku tat aġġornament dwar l-iskema LESA relatata mal-provvista ta' 40 fanal tat-toroq. Hija infurmat lill-Kunsill li waslet komunikazzjoni mingħand il-fornitur fejn ġie spjegat li l-fanal ikkwotat għadu fuq ordni u għaldaqstant għadu ma setax jiġi pprovdut kampjun. Madankollu, ġew ipprovduti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-fanal, li ġew stampati u ppreżentati lill-membri tal-Kunsill għall-informazzjoni u l-kunsiderazzjoni tagħhom. Is-Sur Christopher Fenech irrimarka li kien ra l-istess tip ta' fanali installati f'lokalità oħra u osserva li dawn jidhru estetikament sbieħ. Wara li ġew eżaminati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-Kunsill approvahom u qabel li l-proċess jitkompla skont il-proposta ppreżentata.

48/06/10 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar il-pellegrinaġġ lejn Lourdes li ser jiġi organizzat flimkien mal-Kappillan tal-Parroċċa bejn is-26 u t-30 ta' Lulju 2026. Hija infurmat ukoll li s-Sa Francesca Attard ser tattendi għall-pellegrinaġġ.

48/06/11 Is-Sindku ressqet proposta sabiex id-diskussjoni dwar min ser jingħata l-Unur Excelsior waqt Jum il-Għargħur ta' din is-sena ssir permezz ta' laqgħa online. Wara diskussjoni, il-membri qablu li, minflok, jintfew il-mikrofoni temporanjament u s-suġġett jiġi diskuss dak il-ħin stess waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

48/06/12 Is-Sindku ressqet proposta sabiex, peress li l-uffiċċji tal-Kunsill ser ikunu magħluqa fil-31 ta' Awwissu, minflok ma l-membri tal-istaff jieħdu ġurnata mil-leave annwali tagħhom, tingħata ġurnata ta' mistrieħ lill-impjegati kollha tal-Kunsill, kemm lill-istaff amministrattiv kif ukoll lill-ħaddiema esterni. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel mal-proposta.

48/06/13 Is-Sur Christopher Fenech irrimarka wkoll dwar il-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikolari għall-ħruġ tal-permessi matul il-perjodu tal-festa. Is-Sindku spjegat li, matul il-ġimagħtejn tal-festa, il-Kunsill ma joħroġx permessi għal xogħlijiet fit-toroq affettwati, u li ġimgħa qabel u il-ġimgħa tal-festa jieqaf ukoll il-ħruġ ta' permessi f'dawk it-toroq fejn ikun hemm l-armar, sabiex tiġi evitata kwalunkwe ħsara lill-armar tal-festa. Hija żiedet tgħid li lanqas fil-jum tat-Tnejn ta' wara l-festa ma jinħarġu permessi.

48/06/14 Is-Sur Christopher Fenech semma wkoll il-ħtieġa li jiġi kkoordinat sew ir-routing tal-karozzi tal-linja matul il-festa. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li dan l-arranġament diġà ġie kkoordinat mal-awtoritajiet kompetenti. Is-Sur Christopher Fenech għamel ukoll referenza għall-ħtieġa ta' koordinazzjoni aħjar fir-rigward tal-ħruġ tal-permessi għall-bars matul il-perjodu tal-festa.

## 48/07 Tweġibiet għall-Mistqosijiet tal-Kunsilliera

48/07/01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li ma waslet l-ebda mistoqsija mingħand il-Kunsilliera u għalhekk ma kien hemm l-ebda tweġiba x'tiġi ppreżentata taħt dan il-punt tal-aġenda.

48/07/02 Is-Sindku spjegat li din il-ħidma taqa' taħt ir-responsabbiltà tad-Dipartiment tal-Cleansing u li, minħabba l-elezzjoni u t-tibdil amministrattiv li seħħ, kien hemm dewmien fl-iskeda tax-xogħol tagħhom. Hija żiedet tgħid li qed issir komunikazzjoni regolari mad-Dipartiment sabiex il-ħidma titwettaq mill-aktar fis possibbli.

**48/08 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' Xogħol -50.25**

48/08/01 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill li ġie sottomess appell fir-rigward tal-każ PA229/19 – Kromb il-Baħar, li tiġi aktar 'il ġewwa minn Sqaq Charlotte, Ħal Għargħur.

48/08/02 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill li l-Perit ta aġġornament dwar l-appell il-ġdid **PAB190/26 (Victoria Lines)**. Hija spjegat li ġiet stabbilita l-iskadenza tas-6 ta' Lulju 2026 sabiex l-applikant jippreżenta r-risposta tiegħu għall-appell tal-Kunsill, sal-4 ta' Awwissu 2026 sabiex il-Kunsill jippreżenta l-evidenza tiegħu, sad-9 ta' Settembru 2026 sabiex l-applikant jippreżenta l-evidenza tiegħu, sas-16 ta' Settembru 2026 sabiex il-Kunsill jippreżenta n-*Note of Submissions*, u sat-23 ta' Settembru 2026 sabiex l-applikant jippreżenta n-*Note of Submissions* tiegħu. Ġie nnutat ukoll li s-seduta finali għas-sottomissjonijiet orali ser issir fid-29 ta' Settembru 2026 fis-2.00 p.m.

48/08/03 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill li l-Perit ta aġġornament dwar l-appell **PAB358/2025 (Warehouse)** relatat mal-applikazzjoni **PA01509/08 – Site at Quarry 5, Triq Santa Katerina, Ix-Xwieki, Ħal Għargħur**. Hija spjegat li r-rapport iffirmat mill-Kunsill Lokali kien diġà ġie ppreżentat u li, peress li dan l-appell qed jinstema' flimkien ma' appell ieħor ippreżentat minn terzi, ġew stabbiliti l-iskadenzi li ġejjin: sal-aħħar ta' Lulju 2026 sabiex jiġi konkluż it-tressiq tal-evidenza tal-Kunsill, li diġà ġiet ippreżentata, sat-13 ta' Settembru 2026 sabiex l-applikant jikkonkludi l-evidenza tiegħu, sal-20 ta' Settembru 2026 sabiex il-Kunsill jippreżenta n-*Note of Submissions*, u sas-27 ta' Settembru 2026 sabiex l-applikant jippreżenta n-*Note of Submissions* tiegħu. Ġie nnutat ukoll li s-seduta finali għas-sottomissjonijiet orali quddiem it-Tribunal ser issir fid-29 ta' Settembru 2026 fis-1.30 p.m.

48/08/04 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill li, fir-rigward tal-applikazzjoni **PA/03409/26 – Child Care Centre fi Triq l-Isqof S. Gaffiero**, il-Kunsill Lokali ssottometta l-oġġezzjoni tiegħu għall-imsemmija applikazzjoni fil-15 ta' Ġunju 2026.

48/08/05 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill li ġew ippreżentati tliet kwotazzjonijiet għaż-żbir tas-siġar, maħruġa minn **Mifsud Landscaping**, **Carmelo Azzopardi** u **Garden Landscaping**. Hija spjegat li l-kwotazzjonijiet ġew ippreżentati lill-membri tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jiġu eżaminati.

48/08/06 Ġie nnutat li l-orħos kwotazzjoni kienet dik ta' **Mifsud Landscaping**, li huwa wkoll il-kuntrattur li bħalissa qed jipprovdi dan is-servizz lill-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni, il-membri tal-Kunsill qablu unanimament li tiġi aċċettata l-imsemmija kwotazzjoni u li jitkompla l-proċess għall-iffirmar tal-kuntratt il-ġdid.

48/08/07 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill li nħarġet **Call for Quotations** għall-provvista u l-installazzjoni ta' **tliet (3) Solar CCTV Camera Systems** permezz tal-iskema tal-LESA.
Ġew diskussi u miftiehma l-postijiet fejn ser jiġu installati l-kameras. Ġie deċiż li dawn il-postijiet jiġu kkomunikati lill-kuntrattur sabiex ikun jista' jipproċedi skont il-ħtiġijiet tal-Kunsill.

**48/09 Ilmenti**

48/09/01 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar talba li waslet minn resident relatata ma' katusa tal-ilma li tinsab fuq il-yellow double lines. Hija spjegat li r-resident jeħtieġ li jipparkja bowser quddiem il-

proprjetà tiegħu meta jkun hemm bżonn jimla l-ilma u, għalhekk, issuġġerixxa li l-yellow double lines jinbidlu għal **single yellow line** minn fejn jispiċċa l-gate ta' Galea sal-għalqa tiegħu, fuq medda ta' madwar 15-il pied. Wara diskussjoni, ġie maqbul li r-resident jintalab jipprovdi ritratt tal-post sabiex, wara li jiġi eżaminat, it-talba tkun tista' tintbagħat lil **Transport Malta** għall-kunsiderazzjoni tagħha.

48/09/02 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar suġġeriment li wasal minn resident sabiex jiġu installati numru ta' bins fi Triq il-Ġnien, peress li ma hemm l-ebda bin bejn il-bidu ta' Triq Għaxqet l-Għajn u l-Pont tal-Madliena. Wara diskussjoni, il-Kunsill ikkunsidra t-talba iżda ġie deċiż li din ma tiġix approvata, peress li Triq il-Ġnien hija triq dejqa u l-installazzjoni ta' bins f'din iż-żona tista' toħloq inkonvenjent u tfixkil.

48/09/03 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar ilment li wasal minn resident rigward il-fatt li vetturi għadhom qed jaċċessaw **Triq id-Dejqa**, minkejja li din hija triq pedonali. Ġie spjegat li din is-sitwazzjoni qed tikkawża ħsara lill-pjanti u toħloq riskju għas-sigurtà tal-persuni u tal-annimali domestiċi. Ir-resident talab lill-Kunsill sabiex jikkunsidra miżuri li jimpedixxu l-aċċess tal-vetturi.

48/09/04 Is-Sa Francesca Attard ipproponiet li jiġi installat **bollard li jista' jitneħħa** sabiex jiġi limitat l-aċċess għall-vetturi.

48/09/05 Wara diskussjoni, is-Sur Christopher Fenech u s-Sur Manuel Cammilleri astjenew mill-vot. Konsegwentement, il-proposta ma ġietx approvata.

48/09/06 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar suġġerimenti li waslu minn resident. Fosthom ġie ssuġġerit li jiġu introdotti miżuri ta' kontroll tal-veloċità fit-triq li twassal lejn **Top of the World**, li jiġu pprovduti aktar faċilitajiet rikreattivi għaż-żgħażagħ, bħal basketball court u youth centre, kif ukoll li jiġu esplorati alternattivi għall-purtieri tal-festa minħabba l-impatt tagħhom fuq ir-residenti u l-annimali.

48/09/07 Fir-rigward tal-kontroll tal-veloċità fit-triq lejn **Top of the World**, ġie nnutat li diġà hemm pjan sabiex jiġu installati **speed bumps**, u għaldaqstant din il-kwistjoni hija meqjusa indirizzata.

48/09/08 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar talba li waslet minn resident rigward **Triq Gaspare Formica**, fejn, minkejja li hemm sinjal li jipprojbixxi l-passaġġ ta' vetturi kummerċjali, dawn qed ikomplu jgħaddu minn din it-triq. Ir-resident issuġġerixxa li jiġi installat sinjal ieħor fuq in-naħa l-oħra tat-triq sabiex ikun hemm sinjal fuq kull naħa, kif ukoll li s-sinjali jkunu akbar fid-daqs.

48/09/09 Wara diskussjoni, il-Kunsill approva l-installazzjoni ta' sinjal addizzjonali fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Ġie nnutat ukoll li d-daqs tas-sinjali huwa standard u għaldaqstant ma jistax jinbidel.

48/09/10 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar talba li waslet minn resident rigward in-nuqqas ta' sigurtà għall-persuni mexjin fi Triq Santa Katerina, u ssuġġerixxa li jiġu kkunsidrati miżuri bħall-bini ta' bankina jew miżuri oħra ta' *traffic calming* sabiex l-aċċess bejn Tax-Xwieki u ċ-ċentru tal-lokalità jkun aktar sigur.

48/09/11 Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li ma japprovax it-talba, peress li Triq Santa Katerina hija triq dejqa u l-implimentazzjoni tal-miżuri proposti ma ġietx ikkunsidrata fattibbli.

48/09/12 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar ilment li wasal minn resident rigward vettura li ilha pparkjata fl-istess post fi **Triq Caravaggio** għal madwar tliet snin. Ġie spjegat li, minkejja li l-vettura għandha liċenzja valida, din qatt ma tiġi mċaqalqa u qed tokkupa spazju ta' parkeġġ f'żona fejn il-parkeġġ huwa limitat.

48/09/13 Is-Sa Attard informat ukoll lill-Kunsill li saret konsultazzjoni mal-**Community Police**, li kkonfermaw li, peress li l-vettura għandha liċenzja valida u ma hemm l-ebda illegalità, ma tista' tittieħed l-ebda azzjoni fil-konfront tagħha.

48/09/14 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar ilment li wasal mis-Sa Stafrace rigward il-ħruġ tal-boroż il-griżi fil-kantuniera ta' **Vjal ir-Repubblika** ma' **Triq Vendôme**. Ġie spjegat li l-boroż qed jitħallew fil-post eżatt wara l-ġbir tal-Ħamis u, konsegwentement, jibqgħu hemm għal ġimgħa sħiħa. Ir-residenti talbet sabiex tiġi installata kamera f'din iż-żona.

48/09/15 Wara diskussjoni, ġie deċiż li, għalissa, ma tiġix installata kamera. Minflok, il-Kunsill qabel li jqassam avviż lir-residenti tal-inħawi sabiex ifakkarhom fil-ġranet u l-ħinijiet korretti meta għandhom joħorġu l-iskart tagħhom skont l-iskeda tal-ġbir.

48/09/16 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar suġġeriment li wasal minn resident sabiex jiġu mmarkati parking spaces fi Triq San Nikola, bil-għan li l-vetturi jipparkjaw b'mod aktar ordnat.

48/09/17 Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li ma japprovax il-proposta, peress li l-immarkar ta' parking spaces x'aktarx iwassal għal tnaqqis fin-numru ta' spazji ta' parkeġġ disponibbli. Madankollu, ġie nnutat li, jekk fil-futur jiġi identifikat il-bżonn ta' tali miżura, il-Kunsill jikkunsidra li jwettaq konsultazzjoni mar-residenti permezz ta' ittra qabel tittieħed kwalunkwe deċiżjoni.

48/09/18 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar talba li waslet minn resident relatata ma' Parking Suspension and Garage Access Marking quddiem 6, Triq Monsinjur Luigi Catania, Ħal Għargħur (PA Permit No. PA/05582/23).

48/09/19 Wara diskussjoni, ġie deċiż li jintbagħat rispons lir-resident sabiex jipprovdi aktar informazzjoni u dettalji dwar it-talba qabel il-Kunsill ikun jista' jikkunsidraha ulterjorment.

48/09/20 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar talba li waslet mill-amministratur ta' **The Calling**, fi **Triq Caravaggio, Ħal Għargħur**, rigward is-sinjal taż-zebra crossing li ġie installat reċentement. Ġie spjegat li r-resident qed jitlob li s-sinjal jiġi rilokat peress li jinsab fin-nofs tal-bitħa u qed joħloq inkonvenjent viżiv. Ġie rrappurtat ukoll li s-sinjal jinsab madwar 70 metru 'l bogħod miż-zebra crossing u ġie ssuġġerit li jiġi rilokat eqreb lejn il-crossing, ħdejn l-arblu eżistenti.

48/09/21 Wara diskussjoni, ġie deċiż li t-talba tintbagħat lill-Contracts Manager sabiex jeżamina jekk is-sinjal jistax jiġi rilokat fil-post propost.

48/09/22 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar suġġeriment li wasal mingħand tfal u ġenituri li jużaw iż-żona tal-bandli. Ġie spjegat li huma xtaqu li fil-parti tan-nofs tal-playing area, fejn hemm il-bandli, tiġi installata xi forma ta' protezzjoni, bħal **foam protection** jew materjal simili, mal-partijiet tal-ħadid u tal-injam.

48/09/23 Wara diskussjoni, ġie deċiż li jsir kuntatt mal-persuna li ressqet is-suġġeriment sabiex tingħata aktar kjarifika dwar il-proposta qabel il-Kunsill jikkunsidraha.

48/09/24 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar ilment li wasal minn resident rigward Triq il-Kbira, fejn fil-passat kien hemm parking bays riżervati għall-muturi li issa tneħħew u minflok ġew introdotti double yellow lines ħdejn Aster Court. Ġie spjegat li r-resident irrimarka li hemm numru sostanzjali ta' persuni li jużaw il-muturi f'din iż-żona u talab li l-kwistjoni tiġi kkunsidrata.

48/09/25 Ġie nnutat li l-road markings eżistenti saru minn Transport Malta skont il-proċeduri tagħha. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jagħmel kuntatt ma' Transport Malta sabiex jiġi eżaminat jekk hemmx il-possibbiltà li tinstab soluzzjoni għall-kwistjoni mqajma.

.

48/09/26 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar talba li waslet sabiex jiġu installati sleeping police fi Triq Taħt Birguma. Huwa ssuġġerixxa wkoll li jiġu installati bollards quddiem il-Bottle Collection Recycle Scheme (BCRS) minħabba n-numru ta' vetturi li jipparkjaw f'dik iż-żona.

48/09/27 Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li ma japprovax il-proposta għall-installazzjoni ta' bollards, peress li ħafna persuni jużaw il-vettura tagħhom sabiex jaċċessaw il-magna tal-BCRS. Fir-rigward tat-talba għall-installazzjoni ta' sleeping police, ġie deċiż li l-ewwel jiġi ċċarat mar-resident jekk hux qed jirreferi għall-parti ta' John Ayde u, jekk ikun meħtieġ, il-każ jiġi riferut lill-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

48/09/28 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar kumment li wasal minn resident li spjegat li kellha bżonn tuża s-servizz tax-xufier tal-Kunsill minħabba li żewġha kien rikoverat l-Isptar Mater Dei. Madankollu, dak inhar ix-xufier kien bil-leave u hija ssuġġeriet li jkun hemm persuna li tagħmlu ta' sostitut meta ma jkunx disponibbli. Hija rrimarkat ukoll li, meta kkuntattjat lil **Silver T**, ġiet infurmata li s-servizz ma jipprovdix trasport lejn l-Isptar Mater Dei.

48/09/29 Ġie spjegat li s-servizz tat-trasport ipprovdut mis-settur tas-saħħa joffri trasport lejn iċ-Ċentri tas-Saħħa u lejn l-Isptar Mater Dei, iżda mhux lejn l-Isptar St Luke's. Ġie deċiż li din l-informazzjoni tiġi promossa fost ir-residenti, b'mod partikolari meta x-xufier tal-Kunsill ma jkunx disponibbli.

48/09/30 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar talba li waslet minn resident ta' **Triq San Ġwann** rigward iż-żieda fit-traffiku u l-veloċità tal-vetturi li jgħaddu minn din it-triq. Ir-resident issuġġerixxa li jiġu kkunsidrati miżuri ta' sigurtà fit-triq, fosthom zebra crossing, sleeping police u sinjal tal-limitu tal-veloċità fiż-żona tal-childcare centre fejn jinsabu l-bus stops. Ġie rrappurtat ukoll li ż-żona hija mdallma bil-lejl minħabba n-nuqqas ta' dawl pubbliku, u ntalbet l-installazzjoni ta' dwal sabiex titjieb is-sigurtà tar-residenti.

48/09/31 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni għall-installazzjoni ta' dwal pubbliċi fiż-żona. Fir-rigward ta' zebra crossing, ġie nnutat li din il-possibbiltà kienet diġà ġiet ikkunsidrata fil-passat, iżda ma nstabx post adattat fejn tista' tiġi installata. Il-Kunsill approva wkoll l-installazzjoni ta' sinjal tal-limitu tal-veloċità u ddeċieda li l-**Contracts Manager** iżur is-sit sabiex jidentifika l-aktar post adattat għall-installazzjoni tiegħu.

## 48/10 Ordnijiet ta' Xogħol

48/10/01 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar l-iskema **SPI/SCI/06/2026 – Finanzjament – Karnival 2027**. Hija spjegat li qed jiġi propost li l-Kunsill jissottometti applikazzjoni għall-finanzjament, fuq l-istess bażi ta' dik ippreżentata s-sena li għaddiet, għall-organizzazzjoni tal-attività tal-Karnival li hija proposta li ssir Ħamis 4 ta' Frar 2027.

48/10/02 Wara diskussjoni, il-membri kollha preżenti approvaw unanimament is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-imsemmija skema.

48/10/03 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar il-proġett **Installation of Bicycle Racks and Repair** Stations, and Related Facilities – 2026. Hija spjegat li kienet intbagħtet email lill-membri kollha tal-Kunsill sabiex jipprovdu s-suġġerimenti tagħhom dwar il-postijiet fejn jistgħu jiġu installati l-faċilitajiet. Madankollu, ma waslet l-ebda risposta

.

48/10/04 Wara diskussjoni, ġie maqbul fil-prinċipju li l-aktar post adattat għall-installazzjoni huwa ħdejn l-ATM. Madankollu, ġie deċiż li tintbagħat email oħra lill-membri tal-Kunsill, b'iskadenza sal-Ġimgħa, 10 ta' Lulju, sabiex ikunu jistgħu jippreżentaw kwalunkwe suġġeriment ieħor. Ġie nnutat li, jekk ma jaslux kummenti jew proposti oħra sa dik id-data, il-post ħdejn l-ATM jitqies bħala d-deċiżjoni finali tal-Kunsill.

## 48/11 Kuntratti, Tender u MOUs

48/11/01 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar it-tender GLC02/2025 – Services – Collection of Bulky Refuse from the Locality of Gharghur Using Low Emission Transport. Hija spjegat li nżammet laqgħa sabiex jiġu diskussi l-kjarifiki li ser jintbagħtu lill-offerent u li dawn il-kjarifiki ġew ivverifikati mis-Segretarju Eżekuttiv.

48/11/02 Wara diskussjoni, ġie deċiż li tissejjaħ laqgħa oħra wara li jiġu konklużi l-komunikazzjonijiet mal-konsulent legali tal-Kunsill u mas-Sur Duncan, sabiex il-proċess ikun jista' jitkompla.

48/11/03 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar il-proġett MICA MED – Street Lights, li għalih ser tinħareġ sejħa għal tender.

48/11/04 Ġie nnutat li saret komunikazzjoni mas-Sur Duncan dwar il-kwistjoni. Wara diskussjoni, ġie deċiż li jintbagħatlu reminder sabiex il-proċess għall-ħruġ tat-tender ikun jista' jitkompla.

48/11/05 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar it-tender għas-servizzi ta' Perit. Hija spjegat li t-tender infetaħ u li d-dokumenti relatati kienu ġew iċċirkolati minn qabel lill-membri kollha tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jirreveduhom.

48/11/06 Is-Sa Attard ressqet għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill proposta sabiex tinbidel il-kompożizzjoni tal-Tender Evaluation Board.

48/11/07 Wara diskussjoni, ġie deċiż li s-Sur Manuel Cammilleri jieħu post is-Sa Francesca Attard bħala membru tal-Tender Evaluation Board, filwaqt li s-Sa Francesca Attard tieħu post is-Sa Mariah Meli, bħala Chairperson tal-Bord.

## 48/12 Attivitajiet.

48/12/01 Is-Sa Attard fakkret lill-Kunsill dwar il-Lejla Folkloristika li saret fit-3 ta' Lulju 2026. Hija spjegat li din l-attività hija ffinanzjata b'85% b'skema mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

48/12/02 Is-Sa Attard ippreżentat rendikont tal-ispejjeż relatati mal-organizzazzjoni tal-attività u informat lill-Kunsill dwar l-infiq li sar. Ġie nnutat li l-ispiża kienet diġà ġiet approvata mill-**Kumitat**

**Finanzjarju**, li rrakkomanda li l-Kunsill jipproċedi bis-sottomissjoni tat-talba għar-rimborż tal-ispejjeż skont il-kundizzjonijiet tal-iskema. Il-Kunsill ħa nota tar-rendikont ippreżentat.

48/12/03 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill li, bħala parti mill-programm tal-attivitajiet tal-Kunsill, fil-15 ta' Lulju 2026 ser tiġi organizzata Public Consultation, segwita minn panel discussion bil-parteċipazzjoni ta' esperti fil-qasam.

48/12/04 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar il-preparamenti għall-attività ta' Jum il-Għargħur, li ser issir fis-16 ta' Lulju 2026. Hija spjegat li l-ispiża totali stmata għall-attività tammonta għal €2,778.50 u li, s'issa, inġabru €600 f'sponsors, filwaqt li l-ġbir ta' sponsorships għadu għaddej. Hija żiedet li, fl-eventwalità li ma jinġabrux aktar sponsorships, l-ispiża kienet diġà ġiet eżaminata u approvata mill-Kumitat Finanzjarju.

48/12/05 Is-Sur Christopher Fenech staqsa dwar il-programm tal-attività. Is-Sa Attard spjegat li l-Kunsill ser jipprovdi l-imwejjed u s-siġġijiet, filwaqt li r-Reġjun ser jorganizza vann bil-kantanti u l-preżentatur. Hija żiedet li ser issir quddiesa segwita mill-qsim tal-unuri tal-Excelsior, li għaliha t-trofews ġew sponsorjati kompletament mill-Malta Tourism Authority (MTA). Ġie spjegat ukoll li l-programm ser jinkludi l-banda u spettaklu tan-nar.

48/12/06 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar il-preparamenti għall-Festa tal-Ilma, li ser issir fis-17 ta' Lulju 2026. Hija spjegat li l-FSWS ser tipparteċipa fl-attività billi torganizza logħob għat-tfal.

48/12/07 Is-Sa Attard spjegat li ġiet ikkunsidrata kemm il-possibbiltà li jinkrew l-apparat u kemm dik li jinxtara. Wara li ġew eżaminati l-kwotazzjonijiet, ġie deċiż li jkun aktar ekonomiku li jinxtara l-apparat, peress li l-ispiża tal-kiri kienet ogħla. Hija informat lill-Kunsill li ser jinxtraw żewġ pixxini kbar, żewġ pixxini żgħar, *slip and slide*, *sprinkler*, *bubble wands* u *sponges* għall-attivitajiet tat-tfal, filwaqt li għadha qed tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li jinxtara wkoll *baby play pool*. Ġie nnutat li l-ispiża ta' dawn l-oġġetti tammonta għal madwar €150 u li din kienet diġà ġiet approvata mill-Kumitat Finanzjarju.

48/12/08 Ġie spjegat ukoll li l-ikel ser jiġi organizzat mill-FC Club, filwaqt li l-bookings qed isiru permezz tal-Kunsill Lokali. Ġie informat li ser ikun hemm għażla ta' burgers jew nuggets bi prezz ta' €8 għal kull booking. Barra minn hekk, ġie rrappurtat li Galea sponsorja l-ilma u l-ġelati għall-attività.

48/12/09 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill li l-promozzjoni tal-attività qed issir permezz ta' Facebook, posters fil-ħwienet u fil-bandli tal-lokalità. Hija żiedet li, sal-lum, kienu diġà ġew irreġistrati 20 booking, u li t-tfal parteċipanti ser jingħataw wristbands, li diġà ġew ordnati.

48/12/10 Is-Sa Attard informat lill-Kunsill dwar l-iskema SPI/SCI/02/2026 – Finanzjament – Lokalitajiet Aktar Nodfa. Hija spjegat li qed jiġi propost li, taħt din l-iskema, jiġi organizzat Clean-Up Day fit-2 ta' Novembru 2026, kif mitlub mid-Dipartiment, flimkien mat-tnedija tal-ballot bins.

48/12/11 Ġie spjegat li l-iskema għadha trid tiġi approvata mill-awtoritajiet kompetenti. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel mal-proposta u approva li tiġi sottomessa l-applikazzjoni taħt l-imsemmija skema.

48/12/12 Waqt id-diskussjoni, is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li, peress li l-attività ser issir fil-jum iddedikat għat-tifkira tal-mejtin, il-Kunsill jagħmel kuntatt mal-Kappillan sabiex jintalab il-permess biex jitqiegħed bukkett fjuri fiċ-ċimiterju bħala tifkira tar-residenti mejtin. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' din il-proposta.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**48/13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

48/13/01 Is-SOPs u d-dokumentazzjoni finanzjarja relatata mal-pagamenti ġew ippreżentati għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill.

48/12/02 Ġie nnutat li dawn id-dokumenti kienu diġà ġew eżaminati u approvati mill-Financial Committee flimkien mal-Accountant tal-Kunsill.

48/12/03 Wara li ġew ikkunsidrati mill-Kunsill, is-SOPs u l-pagamenti rispettivi ġew approvati. Il-proposta tressqet mis-Sur Christopher Fenech u ġiet issekondata mis-Sur Manuel Cammilleri.

**48/14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

48/14/01 Il-laqgħa spiċċat fis-19:30hrs wara li l-items fuq l-Aġenda ġew eżawriti.

48/14/02 Ġie maqbul li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali ser issir nhar **it-Tlieta, 4 ta' Awwissu 2026**, fil-**5.30 p.m.**

| | |
|---|---|
| **Francesca Attard** | **Shirley Falzon** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |